KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi
B'Urġenza

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 442 (8-70) b'urġenza

L-Erbgħa 16 t'Awwissu 2023 fil-5.30 ta' filgħaxija.

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' b'urġenza fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi.

PREŻENTI:

Is-Sindku Dominic Grech
Il-Viċi Sindku Rodianne Haber
Il-Kunsillier Julian Borg
Il-Kunsillier Francine Farrugia
Il-Kunsillier Adrian Farrugia

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Il-Kunsillier Kurstein Sant
Il-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

### Ittri ta' apoloġija

Is-Sindku preżenta ittri ta' apoloġija tal-Kunsilliera Kurstein Sant u Gillian Farrugia Pace.

**442.1 Is-Sitwazzjoni attwali tal-kuntratturi tat-tindif rurali u tal-knis**

Is-Sindku spjega s-sitwazzjoni attwali tal-kuntratti u d-diversi kwistjonijiet mal-kuntratturi li diġa ġew imsemmija f'Seduti preċedenti.

442.1.1 **Problema tar-rimi illegali**

Is-Sindku qal li l-problema ta' rimi ta' skart illegali żdiedet drastikament mhux fis-Siġġiewi biss iżda fuq bażi nazzjonali. Hu qal li din il-problema ssemmiet fil-laqgħa tar-Reġjun fejn l-iktar postijiet milquta huma s-Siġġiewi u r-Rabat fejn hemm medda kbira ta' art rurali. L-iktar li tinħass hija fil-kampanja fejn ir-rimi ta' skart ta' kostruzzjoni, u rimi wara attivitajiet li jsiru f'farmhouses skalat. Is-Sindku qal li l-Kunsill huwa limitat fir-riżorsi u fl-għodda biex ilaħħaq ma' din il-problema, u li l-infurzar mhix fir-responsabilta' tal-Kunsilli Lokali.

Is-Sindku qal li talab laqgħa b'urġenza mas-Supretendent biex jiġi mfassal pjan ta' azzjoni għal infurzar. Sal-lum, għad ma ingħatatx data għal laqgħa. Il-Kunsillier Julian Borg qal li l-fatt li Sindku jitlob laqgħa ma' awtorita' u wara diversi jiem għadu ma ingħatax risposta, mhux aċċettabbli u juri diżrispett kbir lejn il-Kunsill u s-Sindku.

Is-Sindku qal li permezz tal-Contracts Manager u l-amministrazzjoni tal-Kunsill għaddejja ħidma kontinwa biex jiġu identifikati is-siti l-iktar milquta, fejn b'koordinament mal-Kuntrattur, f'ġurnata waħda tneħħew mas-sitt vjaġġi skart mill-kampanja. Huwa qal li wara spezzjonijiet anka b'kollaborazzjoni ma' uffiċjali mir-Reġjun Punent, instabu dettalji u evidenza fil-boroz tal-iskart li għaddew lill-awtoritajiet iżda jew minħabba proċeduri jew anka minħabba nuqqas ta' ħeġġa ma titteħidx azzjoni. Huwa qal li l-problema mhix biss kwistjoni viżwali iżda anka problema ta' malsanita'.

Il-Kunsillier Francine Farrugia proponiet li tintbgħat talba formali għal-laqgħa b'dak li ġie diskuss hawnhekk u tingħata deadline.

442.1.2 **Il-Kuntratt tal-knis**

Is-Sindku qal li kif diġa ssemma f'Seduti preċedenti, is-servizz mogħti minn dan il-kuntrattur mhux sodisfaċenti. Hu qal li għalkemm hemm skeda tal-knis li suppost tiġi segwita, diversi toroq mhux qed jintlaħqu jew saħansitra qatt ma saru. Dan huwa verifikat minn spezzjonijiet ta' kuljum tal-contracts manager, u anka minnu, kif ukoll mill-ilmenti numerużi li jidħlu l-uffiċċju fejn residenti jibagħtu ritratti tal-istess ħmieġ ġranet konsekutivi u anka ġimgħat. Dan jirriżulta wkoll fit-tbattil tal-bins li kontinwament, anka wara diversi xhur li ilu operattiv il-kuntratt, irridu noqgħodu nindikaw li l-bins huma mfawrin. Is-Sindku qal li l-kuntrattur diġa ġie notifikat uffiċjalment dwar daw in-nuqqasijiet apparti messaġġi kuljum kontinwi fic-chat.

Is-Sindku propona li jsir rapport dettaljat kuljum mal-iskeda tal-kuntratt. Dan ir-rapport jitressaq quddiem il-Kunsill fis-Seduta li jmiss fejn eventwalment jingħataw penali skond il-każ kif indikat fil-ftehim iffirmat.

442.1.3 **Il-Kuntratt tat-tindif rurali**

Is-Sindku qal li jidher ċar li l-kuntrattur mhux attrezzat b'makkinarju kif kien rikjest u kif indika li għandu fit-tender. Dan jirrifletti f'dewmien esaġerat fl-eżekuzzjoni tax-xogħol fejn toroq twal qed jiġu mnaddfa b'cutters jew saħansitra mgħażqa kif jixhdu anke r-ritratti murija. Is-Sindku qal li meta mqabbel ma' kuntratturi preċedenti, jidher li għalkemm din is-sena damet iktar ix-xita u allura l-problema tal-ħaxix selvaġġ kienet ikbar, hemm ineffiċenza evidenti. Meta ġie mitkellem il-kuntrattur f'diversi laqgħat, fejn kienu preżenti flimkien mas-Sindku, is-Segretarju Eżekuttiv u anka l-contracts manager u ġew innotati n-nuqqasijiet kemm tal-użu ta' makkinarju u anka ta' ħinijiet u preżenza ta' numru ta' ħaddiema kif rikjest fl-kuntratt, ikun hemm miljorament għall-ewwel jiem u nerġgħu naqgħu l-istess, anka b'diversi ġranet mingħajr xogħol assulutament. Is-Sindku qal li x-xogħol waqa lura ħafna, u dan qed joħloq kemm problema ta' aċċessibilta' lill-bdiewa jew sidien tal-għelieqi kif ukoll periklu ta' nar fil-ġranet tas-sajf, filwaqt li jagħtu dehra ta' telqa u ħmieġ.

Is-Sindku qal li wara diversi tentattivi biex tiżdied il-frekwenza tax-xogħolijiet fejn jidher biċ-ċar li l-iskeda tat-tindif pjanat waqgħet lura immens, qed jintalbu kwotazzjonijiet minn terzi għal tindif ta' toroq l-iktar frekwentati u traffikużi biex isiru mill-iktar fis.

Is-Sindku qal li l-problemi li qed iħabbat wiċċu magħhom il-Kunsill fuq it-tindif, u l-kwalita' ta' kuntratturi disponibbli, ġiet imqajma fil-laqgħa tar-Reġjun, fejn il-Kunsilli għandhom bżonn iktar fiannzi, riżorsi u għajnuna għal aktar effiċjenza.

Is-Sindku propona li fis-Seduta li jmiss jitħejja rapport dettaljat tax-xogħol, il-progress u n-nuqqasijiet u jitressaq quddiem il-Kunsill fis-Seduta li jmiss fejn eventwalment jingħataw penali skond il-każ kif indikat fil-ftehim iffirmat.

442.1.4 Kuntratt ġbir ta' skart

Il-Kunsillier Julian Borg qal li kif qegħdin fuq is-suġġett ta' kuntratti tat-tindif, jixtieq isemmi xi punti dwar is-servizz tal-ġbir ta' skart. Hu qal li inġenerali, is-servizz mogħti huwa sodisfaċenti u għalkemm xorta jkun hemm numri ta' ilmenti, jidher anka mill-midja soċjali li s-servizz qed jingħata tajjeb. Huwa ġibed l-attenzjoni dwar l-akkumular ta' skart, speċjalment quddiem garaxxijiet li joħloq inkonvenjent kbir lir-residenti, apparti li huwa sistema mhux regolari. Il-Kunsillier Borg qal li jidher li jinqabżu ripetutament l-istess postijiet u talab li tinġided l-attenzjoni tal-kuntrattur dwar dawn in-nuqqasijiet li jistgħu jiġu trattati.

Is-Sindku informa li din il-ġimgħa ġie ppublikat it-tender Reġjonali tac-cctvs biex jitwaħħlu f'diversi żoni li kienu ġew identifikati. Is-Sindku talab li tintbagħat mil-ġdid il-lista ta' dawn iż-żoni lill-kunsilliera.

Il-laqgħa intemmet fis-7.00pm.

Konfermati, illum 28 t'Awwissu 2023

Dominic Grech
Sindku

Ritienne Giorgino
Segretarju Eżekuttiv